SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 43/K9/22

Data tal-laqgħa: 23 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Patricia Camilleri - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Guido Dalli – Kunsillier (Inc.31363/2022)
Sean Gauci – Kunsiller (Inc.31362/2022)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech - Skrivana
3 Community Police Officers

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

43.1.01 Il-Kunsillier Guido Dalli u Sean Gauci talbu li jkunu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

43.1.02 Saret sospenzjoni tar-regolamenti sabiex item 43.5 jiġi diskuss qabel. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**43.5 Laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita'**

43.5.01 Iċ-Ċermen ta merħba lill-membri tal-community police li għadna f' San Ġiljan u irringrazzjahom tax-xogħol siewi li jwetqu. Is-Surġent Ian Vella spjega li l-community police ilhom joperaw għal madwar sena, regolarment jagħmlu laqgħat kemm mas-Sindku kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv, u talbu li ssir din il-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu aktar mal-Kunsilliera biex jaraw fejn jistgħu jkunu aktar ta' ġid.

43.5.02 Iċ-Ċermen staqsa x'inhu ix-xogħol inġenerali tagħhom u x'inhu l-ħsieb li l-quddiem isir biex dejjem inżommu l-lokalita' taħt kontroll.

43.5.03 Is-Surġent Vella spjega dan li ġej:

- Qed ikunu aktar qrib tar-residenti fosthom problemi soċjali u jidderiġuhom għand l-għaqdiet konċernati;
- F'każ li jkun hemm xi lmenti dejjem jippruvaw ikunu qrib ir-residenti.
- Jiffukaw aktar fuq prevenzjoni mill-kriminalita'.
- Jmorru onsite meta jkun hemm xi skart li ntremma' llegali meta ma jkunux jistgħu jmorru l-Pulizija tal-Għassa.
- Jkunu viċin ta' persuni li jgħixu weħidhom u fejn jistgħu jkunu ta' għajnuna għalihom ukoll.
- Fuq is-social media hemm informazzjoni dwar kull community police fejn dawn għandhom l-area ikkonċernata tagħhom filwaqt li hemm ukoll il-mobile number fejn wieħed ikun jista' jikkomunika magħhom.
- Huma jaħdmu bejn is-7.30a.m. u l-11.00p.m. (dejjem jekk ikun hemm Pulizija disponibbli).
- Dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-escooters, il-community police qed jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jitnaqqsu l-abbużi.
- Jixtiequ li jkun hemm aktar kummenti pożitivi fuqhom.

- Lesti li f'każ li jkun hemm bżonn, jistgħu jduru mal-Kunsilliera fil-lokalita' biex jkunu aktar qrib ir-residenti.
- Huwa ssuġerixxa wkoll li Spinola Gardens jinżamm magħluq matul l-lejl u speċjalment fil-*weekends*.

43.5.04 Iċ-Ċermen spjega li bil-preżenza tal-Community Police, il-lokalita' tkun aktar siguri u r-residenti jħossuhom aktar komdi f'din iż-żona.

43.5.06 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri spjegat li qed tirċievi diversi lment li qed ikun hemm ħafna serq fiż-żona tal-Balluta. Hija ssuġeriet li jkun hemm aktar preżenza tal-community police. Hija spjegat ukoll li qed ikun hemm ħafna abużi bis-sitwazzjoni tal-permessi fi Triq Bonavita u Triq is-Sorijiet. Dan minħabba li l-kuntratturi qed jaħdmu qabel il-ħin li suppost jibdew il-permessi. F'dawn iż-żoni msemmija qed ikun hemm ukoll id-drogi.

**43.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

43.2.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Minuti 42/K9/22 għall-approvazzjoni.

43.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir korrezzjoni dwar 42.2.02 li tiġi rranġata l-kelma imponut għal mitlub.

43.2.03 Wara diskussjoni qasira u l-korrezzjonijiet li saru, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

43.2.05 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ fl-approvazzjoni.

43.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

43.2.07 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar 42.2.10 jekk il-Kunsillier Martin John Sultana ġabx il-kwotazzjonijiet dwar in-niċċa. Huwa ġie nfurmat li kien għadu ma ġabhomx. Staqsa wkoll dwar it-tabella li hemm f' Xatt is-Sajjieda msadda. Huwa ġie nfurmat li din ser tkun qed tinbidel.

43.2.08 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar 42.3.04 fir-rigward it-tarmac ta' Triq Lapsi . Iċ-Ċermen spjega li ma kellux ċans jiltaqa' mal-Perit imma ser ikun qiegħed jiltaqa' miegħu. Staqsa wkoll dwar il-fustuni li kellhom isiru madwar il-promenade. Huwa ġie nfurmat li dawn ser jinxtelu din il-ġimgħa. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm pagamenti dwar l-advertising barriers. Iċ-Ċermen spjega li wieħed mill-kuntrattur bagħat parti mill-pagament iżda l-kuntrattur l-ieħor

ser ikun qiegħed jiltaqa' miegħu sabiex jiġi verifikat l-ammont ta' barriers li għandu fil-lokalita'.

43.2.09 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar item 42.2.07 jekk sarietx il-laqgħa ma' Frank Salt. Iċ-Ċermen spjega li ma kellux ċans jagħmel din il-laqgħa minħabba attivita' personali.

43.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fil-5.30p.m.

**43.3 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

43.3.01 Il-Kunsillier John Agius talab li hemm tlett parkeġġi fi Triq Michelangelo Borg ħdejn il-Wellbee's sabiex jitilgħu l-fuq.

43.3.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul irċieva proposta dwar attivita' biex persuna taljana iġġib band. Huwa talab jekk il-Kunsill jistax jiffinanzja parti mill-ispejjez fosthom lodging/flight/attivita'. Din għandha tintbagħat bil-miktub lill-Kunsill sabiex tiġi diskussa fil-laqgħa. Huwa staqsa wkoll dwar email li bagħat dwar basketball tournament (3-a-side), huwa talab risposta sabiex ikun jista' jagħti risposta lill-persuna kkonċernata.

43.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli staqsiet jekk hemmx xi skema dwar il-fondi għan-nuetering tal-qtates. Hija ġiet nfurmata li ser inkunu qed nitkelmu mar-Reġjun biex nissuġġerixuha.

43.3.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa jekk intbagħtitx l-ittra dwar l-iskeda ta' l-iskart. Huwa ġie nfurmat li din ser tkun qed tintbagħat għada. Huwa talab ukoll li tintbagħat ittra ġewwa Triq Sir Joseph Carbone fir-rigward l-istess suġġett.

**43.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

43.4.01 Iċ-Ċermen:

- Spjega li kellu laqgħa mal-ERA dwar is-sitwazzjoni ta' l-iskart fil-lokalita'. Huwa spjega li ser ikun qed jibagħtu erbgħa uffiċċjali sabiex l-ewwel jagħtu avviżż imbagħad mat-tieni darba tingħata multa. Dawn ser ikunu limitati bil-ħinijiet. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex jinfurmaw fejn hemm il-problema tar-rimi ta' skart.
- Ser tintbagħat ittra dwar il-ġbir ta' skart u l-app city watch.
- Għax-xhur ta' Lulju u Awwissu ser ikun hemm ġabra extra tal-borża s-sewda kull nhar ta' Erbgħa.
- Saret laqgħa fir-rigward il-Festa tal-Balluta u Festa San Ġiljan. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula, is-Supretendent tal-Għassa, il-Kappillani, u

Transport Malta iżda l-LESA ma setawx jattendu. Għaldaqstant ser terġa tintalab li ssir laqgħa oħra. Importanti wkoll li fir-rigward il-permessi, kulħadd iżżomm mad-deadline. Ġie deċiż li l-għada tal-Festa tal-Balluta u l-Festa ta' San Ġiljan l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill jinżamm magħluq.

- Għada ser issir iċ-ċerimonja għat-tmiem tal-Kappillan li serva ġewwa San Ġiljan Fr. Claude Portelli. Iċ-Ċermen talab li min jista' jattendi għal din iċ-ċerimonja li ser issir fis-7.00p.m.
- Ser ikun qiegħed isir fustun temporanju ġewwa x-Xatt ta' Spinola minħabba li hemm problema tad-dawl.
- Ix-xogħolijiet ta' resurfacing ġewwa Telgħet Birkirkara tlesta' u ser ikunu qed isiru r-road markings. Iċ-Ċermen issuġġerixa li jitneħħew tlett parking spaces sabiex jimxi aktar it-traffiku. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ippropona li r-road marking ma jitneħħewx u ssir give way u l-Kunsill qabel ma din il-proposta.
- Ser tkun qed issir laqgħa mac-CEO ta' Infrastructure Malta nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju 2022. Ser inkunu qed inżommu mal- impenji li saru mac-CEO preċidenti. Fosthom resurfacing ta' Sqaq is-Siġra, Triq l-Arċisqof Romero, Triq Birkirkara u l-area ta' quddiem il-Knisja tal-Balluta.
- Dwar l-isem ġdid ta' Triq il-Kbira għal Triq Mons. Guido Calleja kien hemm petizzjoni min-naħa tar-residenti. Ser tkun qed tintbagħat ittra lill-istreet naming committee sabiex tiġi rikunsidrata. Ser ikun qiegħed jiġi msemmi t-taraġ li hemm jagħti għas-Saddles u dan ser jiġi ssuġġerit li jissema Taraġ Nixxiegħa. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssuġġerixa li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-isem. Ser inkunu qed nissuġerixxu li tissema Pjazza Qalb ta' Ġesu minħabba li din qatt ma kella l-isem uffiċjali. Ser inkunu qed nissuġerrixu wkoll li id-Daħla tat-Tigulio jkollha isem ukoll.
- L-applikazzjoni għal electric van ġiet aċċetata. Għaldaqstant ser jibda l-proċess sabiex jinxtara vann. Waħda mir-raġunijiet għalxiex dan ser ikun qiegħed jintuża biex jwassal lir-residenti lill-polyclinic.
- Informa lill-Kunsill li għadna każ il-qorti dwar persuna li baqgħet parzjalment diżabbli wara li waqa' f'ħofra fi Triq Elija Zammit. Dan il-każ ilu għaddej mis-sena 2019. Iċ-Ċermen spjega li ċertu każijiet fejn issir ħsara minima lill-vettura jagħmel aktar sens li nħalsu l-ħsara involuta milli nitħlu fl-ispejjez ta' Avukat.
- Fir-rigward il-fondi li ser ikunu qed jingħataw min-naħa tar-Reġjun Lvant dwar l-attivitajiet organizzati mill-għaqdiet, ser jitneħħa l-ammont ta' €500 kull Knisja u dawn l-€1,000 ser ikunu qed jingħataw lill-Għaqda Briju San Ġiljan. Ser tkun qed tintalab lil kull għaqda rendikont ta' kif ser ikunu qed jintefqu l-flus.

## 43.6 Business Plan

43.6.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill il-Business Plan għal ħames snin li ġejjin. (Ara Appendiċi 'A'). Id-Deputat ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li jkun hemm kontrol fuq l-infieq tal-flus minħabba is-sitwazzjoni kurrenti.

43.6.02 Wara diskussjoni qasira, l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

43.6.03 Iċ-Ċermen ssekondah fl-approvazzjoni.

43.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.7 Budget 2022**

43.7.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill il-Budget 2022. (Ara Appediċi 'B')

43.7.02 Wara diskussjoni qasira, l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

43.7.03 Iċ-Ċermen ssekondah fl-approvazzjoni.

43.7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.8 Talbiet żgħar;**

**43.8.01 Talba għal-laqgħa mal-Onorevoli Inġ. Mark Anthony Sammut (Inc. 30021/22)**

43.8.01.01 Iċ-Ċermen spjega li nistidnuħ għal laqgħa ta' wara minħabba li fil-laqgħa li jmiss ser ikunu qed jiġu mistiedna San Giljan Water Polo Club. Għaldaqstant nkunu nistgħu nistiednuh fil-laqgħa ta' wara.

**43.8.02 Oġġezzjoni dwar il-bdil tal-isem tat-triq Triq Mons. Guido Calleja (Inc. 3024/22)**

43.8.02.01 Din ġiet diskussa qabel fl-aġenda.

**43.8.03 Proposti mingħand il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul dwar attivita' ta' l-isport (Inc. 30272/22)**

43.8.03.01 Il-Kunsill ser ikun qiegħed jalloka l-ammont ta' €2,000 skond kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċendi. Is-Sur Ellul issuġerixxa li jkun hemm fost l-oħrajn kiri ta' grawnd,

videographer, supplies ta' l-ilma, booking ta' ambulanza u xiri ta' trophy. Iċ-Ċermen talab li jinġabu kwotazzjonijiet.

**43.8.04 Talba għall-attivita' quddiem l-parking tat-Tigulio (Inc. 30277/22);**

43.8.04.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda għandha tinbidel id-data ta' meta din ser issir minħabba li ser tinzerta il-ġimgħa tal-festa. Importanti li meta dawn jipprovdulna d-data, jinħareġ permess għall-attivita'.

**43.8.05 Email mingħand l-Għaqda Dillettanti Knisja ta' Lapsi dwar l-pubblikazzjoni Lapsi 2022 (Inc. 30312/22 & 30319/22);**

43.8.05.01 Ġie ssuġġerit li peress li ser ikunu qed jingħataw fondi. Dawn ikunu jistgħu jintużaw minn dan il-fond.Ser inkunu qed niverifikaw mar-Reġjun Lvant jekk il-publikazzjoni tal-ktieb tal-festa jaqax taħt din l-iskema.

**43.8.06 Sejħa għall-proposti dwar art in public spaces programme 2022 – 2024 (Inc. 30342/22)**

43.8.06.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma dawn il-proposti.

**43.8.07 Talba għall-permess mingħand is-Sur Gagħel Dingli (Inc. 30351/22);**

43.8.07.01 Wara diskussjoni qasira ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li jinħareġ permessi mingħand il-Kunsill.

**43.3.08 Email mingħand is-Sur Jamea Wightman dwar Triq Manwel Dimech (Inc. 30422/22);**

43.8.08.01 Wara diskussjoni qasira ser nitolbu li ssir laqgħa miegħu.

**43.8.09 Talba mingħand il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul dwar iż-żebgħa taz-zebra crossing ħdejn il-Monument tal-LOVE. (Inc. 30489/22);**

43.8.09.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni filwaqt li ser inkunu qed nibagħtu rikjesta lit-Transport Malta.

**43.8.10 Email mingħand is-Sinjura Maria Rosa Thornhill dwar Villa San Ingnazju (Inc. 30549/22);**

43.8.10.01 Il-Kunsill ser ikun qiegħed jinfurma li din hija propjeta' privata għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jidħol fiha.

**43.8.11 Email mingħand Micallef Joe Travel dwar ġurnata Sqalija (Inc. 30699/22);**

43.8.11.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsil qabel unanimament.

**43.8.12 Email mingħand il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul dwar proġett tal-art f' Ta' Ġiorni (Inc. 30679/22);**

43.8.12.01 Ġie deċiż niltaqgħu magħhom u jerġgħa jingħata *update* fuq xi jkun ġara.

**43.8.13 Talba għal-permess mingħand is-Sur George Cutajar (Inc. 30689/22);**

43.8.13.01 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li jinħareġ permess mill-Kunsill. Dan il-permess jiswa €23.29 għal kull xahar. Importanti li ma jorbotx it-tilari mal-Love Monument kif ukoll jiċkienu t-tilari.

**43.8.14 Talba għall-permes ta' Tower Crane fi Triq il-Karmelitani (Inc. 30701/22);**

43.8.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**43.8.15 Artwork in Public Space (Inc. 30725/22);**

43.8.15.01 Il-Kunsill qabel unanimament.

**43.8.16 Talba għal responsibility leave mingħand l-impjegata Mandy Zammit. (Inc. 30874/22);**

43.8.16.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tingħata l-leave għal-sena. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jikteb ittra lid-Dipartiment sabiex inġibu permess biex tinħareġ sejħa għal-*back-to-back* għal perjodu ta' sena.

**43.8.17 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv (Inc. 31049/22);**

43.8.17.01 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġġeded għal-tlett xhur oħra.

43.8.18 Ser tkun qed tinħareġ sejħa fuq skala 16 għal Assistant Handyman. Il-Kunsill qabel qabel unanimament. Il-vakanza ser tkun miftuħa sa mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju 2022. Il-

Kunsill ġie nfurmat ukoll li bħalissa hemm sejħa mis-CIES fejn applikajna għaliha u qed nfittxu lill xi ħadd.

43.8.19 Il-Kunsill qabel li ssir attivita' soċjali bejn il-Kunsilliera u l-istaff.

43.8.20 Fir-rigward l-agreement man-Notebook centre sabiex jingħata servizz lir-residenti, dan ġie aċċettat.

43.8.21 Il-Kunsill qabel li ssir pet friendly l-area bejn il-love monument u is-simenta.

**43.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

43.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5731 sa 5750. (Ara Appendiċi 'Ċ')

43.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**43.12 Skeda tal-Pagamenti**

43.12.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'D')

43.12.02 Iċ-Ċermen Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

43.12.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**43.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

43.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju 2022 fl-4.30p.m.

43.11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45p.m.

**IFFIRMATI**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 21 ta' Lulju 2022